



6.6.2011

0032/2011

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass u taż-żejt tax-shale

Philippe Juvin, José Bové, Edite Estrela, Corinne Lepage, Anna Rosbach

Data ta' skadenza: 6.10.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass u taż-żejt tax-shale

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minħabba problemi relatati mat-tnaqqis tal-enerġiji fossili u mas-sigurtà enerġetika li qed jaffrontaw, ċerti Stati Membri ħarġu l-permess għall-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass u taż-żejt tax-shale,

B. billi kkunsidra li l-metodu użat għall-esplorazzjoni tal-gass u taż-żejt tax-shale huwa l-fratturazzjoni idrawlika, metodu li jikkonsisti fit-tħaffir għall-ilma, għar-ramel u l-prodotti kimiċi u fil-propulsjoni tagħhom biex jitkisser il-blat u jiġu rilaxxati l-idrokarburanti,

C. billi, skont l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA) u diversi xjentisti, dan il-metodu ta' estrazzjoni jwassal għal ħsarat ambjentali immensi u irriversibbli; billi r-rapporti tal-EPA jiżvelaw rata għolja ta' tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art, tniġġis sinifikanti tal-arja u attivitajiet sismiċi anormali.

D. billi fil-qasam tas-saħħa, is-sitwazzjoni hija preokkupanti wkoll; billi l-użu ta' prodotti kimiċi karċinoġeni, allerġeni u tossiċi wassal għal numru kbir ta' każijiet ta' ċerti patoloġiji fil-viċinanza tas-siti ta' estrazzjoni;

1. jitlob li b'effett immedjat jibda jiġi applikat moratorju Ewropew fuq l-esplorazzjoni u l-użu tal-gass u taż-żejt tax-shale abbażi tal-prinċipju tal-prevenzjoni;
2. jistieden lill-Istati Membri jissospendu l-permessi tal-esplorazzjoni u jwettqu studji ta' impatt sanitarji u ambjentali;
3. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq verifika dwar il-perikli tal-metodu ta' estrazzjoni u studju ta' impatt klimatiku tar-rata għolja tar-rilaxx tal-idrokarburanti fl-atmosfera.
4. Jitlob lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri .